# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

## IMHALLEF : ONOR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tal-31 ta' Awissu 2001**

**Wara l-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1386/01 fl-ismijiet:**

**It-Tabib Principali tal-Gvern**

**vs**

**Paul Micallef**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-sekwestrat Paul Micallef fejn gie premess :

Illi l-intimat talab u ottjena fil-konfront tar-rikorrent odjern il-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru u fl-ismijiet fuq citati, ghas-somma ta' "tlieta u ghoxrin elf, mija wiehed u sittin lira maltija u seba' u tletin centezmu (LM23,161.37) dovuta stante li Paul Micallef kiser obbligazzjoni minnu assunta permezz ta' kuntratt pubbliku fl-14 ta' Novembru 1002 meta naqas li jaghti servizz lill-Gvern kif stipulat fil-kuntratt imsemmi";

Illi ghall-hrug tal-mandat fuq bazi ezekuttiva, gie citat "kuntratt pubbliku anness u markat 'Dok BG2' li sar esegwibbli permezz ta' ittra ufficjali ta' l-24 ta' Settembru, 1998, annessa u mmarkata Dok. 'BG3';"

Illi t-talba ghall-hrug ta' l-imsemmi mandat intlaqghet minkejja li l-kuntratt citat ma jirrispettax ir-rekwiziti ta' l-artikolu 253 Kap. 12, in kwantu ma jsemmi l-ebda dejn certu, likwidu u li ghalaq, anzi jikkoncerna proprju obbligazzjoni konsistenti f'esekuzzjoni ta' fatt, ghall-kuntrarju ta' dak li jipprovdi l-artikolu msemmi;

Illi ghall-kompletezza tal-fatti, jigi spjegat illi l-kuntratt *de quo* gie redatt sabiex jirregola l-iffinanzjar da parti tal-Gvern ta' borza ta' studju mir-rikorrenti, u jaghmel riferenza ghas-somma mitluba, izda mkien ma jobbliga lir-rikorrent sabiex jirrestitwixxi tali somma fi zmien specifiku; ghall-kuntrarju, il-kuntratt jirreferi ghal 'the conditions laid down in Appendix Three to Section Ten of the Government Establishment Code", illi jistipula:
*The scholarship holder may also be required to refund all or part of the expenses incurred by Government on his behalf and in connection with his scholarship*

*(a) if this is suspended or terminated for any reason;*
*(b )if he fails to complete the course successfully, or*
*(c) if he fails to serve the Government as stated in paragraph 3 above.*

*For this purpose the scholarship holder may be required to enter into a formal act of hypothecation with Government before departure.*

Altru milli dejn cert, likwidu u li jaghlaq!

Illi jekk stess it-Tabib Principali tal-Gvern qieghed jallega li ghandu dritt ghar-rifuzjoni tal-borza ta' studju in konsegwenza ta' ksur kontrattwali min-naha tar-rikorrent, jinkombi fuqu li jintavola proceduri sabiex jigi dikjarat tali ksur, qabel ma jipprocedi bil-hrug ta' mandati ezekuttivi; fin-nuqqas, hija l-gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna li meta debitu rizultanti minn att pubbliku jiskatta biss mal-ksur ta' kondizzjoni jew obbligazzjoni kontenuta fl-istess att, tali att pubbliku ma jikkostitwix titolu ezekuttiv *per se;*

Ghalhekk ir-rikorrent talab li dina l-Qorti ai termini ta' l-artikolu 283 A tal-Kap.12 sabiex tirrevoka, tannulla u thassar il-mandat ta' sekwestru Numru 1386/01 fl-isemijiet *It-Tabib Principali tal-Gvern vs Paul Micallef,* u dan taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhrulha xierqa li timponi;

Rat ir-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern fejn gie sottomess:

Illi dan ir-rikors huwa frivolu u vessatorju in kwantu s-sekwestru li qed jigi impunjat inhareg skond id-dispozittivi tal-ligi;

Illi l-artikolu 253 tal-Kap 12 jipprovdi fis-subinciz (b) tieghu li "il-kuntratti ricevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzjoni ta' fatt" jikkostitwixxu titolu ezekuttiv;

Minn qari akkurat tal-kontenut tal-kuntratt de quo jirrizulta car li l-ammont tal-flus rifondibbli lill-Gvern huwa dovut, cert u likwidu u d-debitu bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni m'huwa *da liquidarsi.* Lanqas ma huwa l-kaz li d-debitur Micallef ghandu xi obbligazzjoni li jezegwixxi fatt;

Anzi jidher b'mod lampanti li huwa mhux qed jikkontesta l-fatt li kiser l-obbligi kontrattwali tieghu. Konsegwenza awtomatika ta' l-agir tieghu huwa li rrenda ruhu responsabbli ghall-hlas tad-danni li jinsabu diga likwidati fl-istess kuntratt. Dan jghid testwalment li thallset mill-Gvern is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf tliet mija u erbgha u sittin lira Maltija lir-rikorrent biex isegwi l-kors ta' studji u biex l-istess somma tkopri s-*subsistence allowance*, il-biljetti ta' l-ajru, mizati extra, spejjez ta' kotba u *equipment allowance;*

Wara li r-rikorrent, minkejja dan l-ammont kollu sostanzjali li nghata, naqas milli jadegwa ruhu ghall-obbligi kontrattwali minnu assunti, issa jippretendi li l-kuntratt li ffirma ma jiswa xejn ghaliex trid issir kawza biex jigi ottenut titolu ezekuttiv;

Il-pretenzjoni tar-rikorrent debitur twassal ghall-assurdita' li nonostante l-fatt li l-ammont dovut huwa diga' likwidat fil-kuntratt dan mhu qatt ezegwibbli jekk mhux wara sentenza tal-qorti. Tali argumentazzjoni taghmel l-artikolu 253 (b) superfluwu u fl-erminewtika legali jregi l-principju "ut melius valeat quam pereat";

In fatti r-raguni ghall-esistenza ta' l-artikolu 253 huwa li jkun hemm l-ekonomija tal-gudizzju u ma jkunx mehtieg li jigu intavolati kawzi bla bzonn meta diga jkun hemm fis-sehh titolu ezekuttiv;

Huwa rrilevanti ghal kollox dak li gie kwotat mill-EstaCode ghaliex ir-rabta kontrattwali tohrog mill-kuntratt de quo u mhux mil-linji ta' gwida li jinsabu redatti fl-Estacode;

Izda anki l-Estacode isemmi li min jew ma jtemmx il-kors b'success jew jabbandunah huwa responsabbli biex jirrestitwixxi l-fondi pubblici li jkun inghatawlu ghal xejn. Fejn qed jara inkonsistenza r-rikorrent?

Huwa assuma l-obbligi fil-kuntratt u anki ipoteka l-beni tieghu ghalhekk;

Issa li naqas senjament milli jaghmel dak li ntrabat li jesegiwxxi irid jintilef f'hafna proceduri dilatorji ghaliex irib jahrab mir-responsabiltajiet tieghu;

Bir-rispett jinghad li l-Qorti m'ghandiex tippermetti li debitur jiskansa l-obbligi tieghu b'proliferazzjoni ta' azzjonijiet;

Ghalhekk l-intimat talab li din il-qorti tichad ir-rikors bl-ispejjez;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mill-intimat;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Awissu 2001;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti Paul Micallef ghamel referenza ghall-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv li gie ottjenut mill-intimat Tabib Principali tal-Gvern kontra tieghu ghas-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf, mija wiehed u sittin lira maltija u seba’ u tletin centezmu (LM23,161.37). B'dan il-mandat gie esegwit kuntratt pubbliku tal-4 ta' Novembru 1992 li kien gie rez esegwibbli permezz ta’ ittra ufficjali ta’ l-24 ta’ Settembru 1998. Meta l-intimat ottjena l-hrug tal-imsemmi mandat ta' sekwestru huwa allega li l-imsemmija somma kienet dovuta in vista tal-fatt li l-istess rikorrenti kien kiser xi obbligazzjoni minnu assunta fl-imsemmi kuntratt tal-4 ta’ Novembru 1992;

Ir-rikorrent qed jitlob li, ai termini ta’ l-artikolu 283A tal-Kap.12, l-imsemmi mandat jigi revokat, annullat u mhassar peress li skond l-istess rikorrenti l-imsemmi kuntratt ma jistax jitqies bhala titlou esekuttiv fil-konfront tieghu;

L-intimat Tabib Principali tal-Gvern qed isostni li l-mandat in kwestjoni nhareg skond id-dispozittivi tal-ligi. Huwa jippretendi li minn qari akkurat tal-kontenut tal-kuntratt de quo jirrizulta car li l-ammont tal-flus rifondibbli lill-Gvern huwa dovut, cert u likwidu;

Il-kwestjoni hi jekk l-imsemmi kuntratt tal-4 ta' Novembru 1992 jistax jigi konsidrat li hu titolu esekuttiv a favur tat-Tabib Principali tal-Gvern fil-konfront tar-rikorrenti Paul Micallef. Din il-materja hi regolata mill-provedimenti tal-artikolu 253(b) tal-Kapitolu 12 li fost affarijiet ohra jipprovdi li hu titolu esekuttiv dak il-kuntratt li huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq u liema kuntratt ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt;

Minn esami tal-kuntratt in kwestjoni fl-ebda hin ma jirrizulta li r-rikorrenti Paul Micallef ikkostitwixxa ruhu bhala cert u likwidu debitur tat-Tabib Principali tal-Gvern ghas-somma indikata. Hemm biss dikjarazzjoni li in konnessjoni mal-borsa ta' studju li nghatat lill-istess rikorrenti permezz tal-imsemmi kuntratt il-Gvern ta' Malta kien ser jonfoq somma ta' ftit aktar mis-somma indikata u li ghaliha gie ottjenut l-att esekuttiv in kwestjoni. Bl-ebda mod din id-dikjarazzjoni ma tista tittiehed li hi accattazzjoni da parti tar-rikorrenti Micallef li huwa cert u likwidu debitur tal-Gvern ta' Malta ghall-istess somma. Jidher li din id-dikjarazzoni saret ghal finijiet tal-ipoteka li giet iskritta a favur tal-Gvern ta Malta in konnessjoni mal-istess kuntratt;

In vista ta' dan kollu ma jistax jinghad li l-kuntratt in kwestjoni hu titolu esekuttiv skond il-provedimenti tal-artikolu 253(b) tal-Kapitolu 12 peress li l-istess kuntratt mhux wiehed dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu akkolti stante li tirrizulta raguni valida ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 283A tal-Kapitolu 12;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tipprovdi billi, fl-ewwel lok, tichad is-sottomissjonijiet kollha kif kontenuti fir-risposta tal-intimat Tabib Principali tal-Gvern u billi, fit-tieni lok, tilqa t-talbiet tar-rikorrenti Paul Micallef u, ai termini ta’ l-artikolu 283A tal-Kap.12, tirrevoka, tannulla u thassar il-mandat ta’ sekwestru Numru 1386/01 fl-isemijiet *It-Tabib Principali tal-Gvern vs Paul Micallef*;

Spejjez kollha kontra l-intimat Tabib Principali tal-Gvern.